# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**John Paul Wayne Zammit**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **John Paul Wayne Zammit** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 424394M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar il-31 ta' Mejju 2015 ġewwa dawn il-gżejjer bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Nicholas Aquilina weġgħu bil-kliem, b'ġesti jew b'xi mod ieħor.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lill-Avukati tal-partijiet;

Semgħet lill-imputat li filwaqt li stqarr li kien ħati tal-imputazzjoni, u l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tatu żmien biżżejjed biex jerġa lura minnha, huwa tenna li kien ħati.

Wara dan, huwa pubblikament u fil-Qorti bil-miftuħ reġgħa tenna l-apoloġija inkondizzjonata tiegħu kif ukoll stqarr li kien qiegħed jirtira inkondizzjonatament l-allegazzjonijiet kollha li saru fuq il-post fil-Facebook li jikkonċernaw lil parte civile. Inoltre iddikjara inkondizzjonatament li dak kollu mistqarr fl-ewwel post kien kollu frott ta' żball dwar il-fatti minn naħa tiegħu u li dak kollu allegat dwar il-parte civile bl-ebda mod ma kien seħħ.

# ***Decide***

Li wara li rat l-Artikolu 252(1), 378 u 383(1) tal-Kodiċi Krminali qegħda ssib lill-imputat, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu; iżda fid-dawl tal-apoloġija pubblika u fil-Qorti bil-miftuħ, qiegħda tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum kif ukoll, sabiex tipprovdi kemm għaż-żamma tal-ordni publiku kif ukoll għas-sigurta ta' Nicholas Aquilina u l-familja tiegħu qegħda torbot lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innisfu għal perjodu ta' sena millum taħt penali ta' elfejn euro.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 23 t'Ottubru 2015***

***Aaron M. Bugeja***